# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2017**

**Numru**
**Ċitazzjoni numru 1664/1999**

**Emanuel Hayman u martu Monica Hayman**

***v.***

**Mary Caruana u żewġha Alfred;**
**Emanuela Psaila u żewġha Andrew - u b'dikriet tat-2 ta' Novembru 2004 il-ġudizzju għadda mill-persuna tal-imħarrek Andrew Psaila għall-persuna ta' wliedu Jason, Alyce mart Darren Vella u Tyrone aħwa Psaila wara l-mewt tal-istess Andrew Psaila;**
**William Hayman u martu Josephine;**
**Josephine Ciantar u żewġha Alfred; Doris Hayman;**
**Angela Montebello u żewġha Paul - u b'dikriet tat-22 ta' Awissu 2016 il-ġudizzju għadda mill-persuna tal-imħarrek Paul Montebello għall-persuna tal-armla tiegħu Angela, u ta' Josianne Montebello, Melanie Montebello u Ramona Esposito mart Marco wara l-mewt tal-istess Paul Montebello**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-atturi miżżewġin Hayman biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tas-6 ta' Frar 2015 ["is-sentenza attakkata"], wara li titħassar dik

is-sentenza għax il-konvenuti jgħidu illi s-sentenza (i) applikat il-liġi ħażin u (ii) hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi fetħu l-kawża tallum biex jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas ta' kumpens li jmiss lilhom għas-serviġi li huma kienu jagħmlu għal Maria Carmela Hayman, li tiġi omm l-attur u omm uħud mill-konvenuti, ħut l-attur; il-konvenuti l-oħra huma l-irġiel u n-nisa ta' ħut l-attur. Il-konvenuti resqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, ta' preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili u l-eċċezzjoni illi l-attur, bħala ko-werriet, għandu jbati hu stess sehmu mill-kumpens li jista' jiġi likwidat.

3. B'sentenza tas-6 ta' April 2011 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għal dawk is-serviġi li kienu ngħataw aktar minn ħames snin qabel ma l-atturi kisru l-preskrizzjoni b'ittra ġudizzjarja, u laqgħet ukoll l-eċċezzjoni dwar sehem l-attur, laqgħet it-talbiet tal-atturi għaż-żmien ta' wara l-ksur tal-preskrizzjoni – b'kollox mija u tmienja u disgħin (198) ġimgħa – u illilkwidat il-kumpens li jmiss liż-żewġ atturi fis-somma ta' għaxart elef, tmien mija u disgħin euro (€10,890). Billi l-attur kien werriet flimkien ma' ħutu l-konvenuti – kienu seba' aħwa b'kollox – kellu jerfa' sehem minn sebgħa u għalhekk sehem ħutu l-konvenuti jiġi disat elef, tliet mija u erbgħa u tletin euro u tletin ċenteżmu. (€9,334.30). Minn din is-somma l-ewwel qorti naqqset mitejn u sittin euro (€260) sehem il-konvenuti

minn flus tal-wirt li kellu f'idejh l-attur u għalhekk ikkundannat lill-konvenuti jħallsu l-bilanċ ta' disat elef u erbgħa u sebgħin euro u tletin ċenteżmu (€9,074.30), b'dan illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

4. L-atturi appellaw mis-sentenza u l-Qorti tal-Appell, bis-sentenza att-akkata, irriformat is-sentenza tal-ewwel qorti billi, wara li ċaħdet l-aggravji relativi għall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, għall-imgħax u għall-ispejjeż, żiedet is-somma li l-konvenuti għandhom iħallsu lill-atturi għal ħdax-il elf, tmien mija u tmenin euro (€11,880), u ikkonfermat is-sentenza fil-bqija, b'dan li l-ispejjeż tal-appell jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti.

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell għal din id-deċiżjoni ġew imfssra hekk fis-sentenza attakkata:

> » L-atturi qed jitolbu ħlas għal serviġi illi huma għamlu lil omm l-attur; l-omm kienet mietet fis-17 ta' Jannar 1998 u kienet għamlet it-testment finali tagħha f'Novembru ta' qabel. Preċedentement kienet għamlet testment li permezz tiegħu kienet ħalliet legati sostanzjali lill-attur. Allura meta dan sar jaf li dak it-testment kien ġie revokat mit-testment aħħari tal-mejta, huwa u martu l-attriċi l-oħra bagħtu ittra uffiċjali (fis-26 ta' Marzu 1999) lill-konvenuti fejn talbu kumpens għas-serviġi. Il-qorti wara li qieset il-provi u kkunsidrat li l-preskrizzjoni relativa hija ta' ħames snin, u wara li naqqset is-sehem tal-istess attur billi huwa ko-eredi flimkien mal-konvenuti, waslet għas-somma fuq imsemmija.
>
> »… … … L-appellanti qed jitolbu li l-ammont likwidat bhala serviġi reżi jiġi awmentat sostanzjalment minħabba l-mod kif dawn ġew reżi (u allura ħassewhom aggravati mill-mod kif ġew likwidati) u minħabba li l-qorti kellha tqis li l-preskrizzjoni kienet interrotta bir-rikonoxximent da parti tal-mejta. Huma qed jilmentaw ukoll mill-mod kif ġie deċiż il-kap tal-ispejjeż.
>
> »Preskrizzjoni u Likwidazzjoni
>
> »Kif ingħad, l-ewwel qorti llikwidat is-somma ta' disat elef, erbgħa u sebgħin euro u tletin ċentezmi (€9,074.30) bħala s-somma dovuta lill-atturi. … … … Il-qorti għalhekk fi ftit kliem ikkalkolat l-ammont dovut għas-serviġi reżi lil omm l-attur għall-perjodu bejn April 1994 sa Jannar 1998 inkwantu dawk li setgħu ġew reżi qabel kienu preskritti billi qieset il-preskrizzjoni ta' ħames snin – u allura għal perjodu ta'

ħames snin appuntu, nieqes il-perjodu bejn il-mewt tal-omm fis-17 ta' Jannar 1998 sal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni f'Marzu 1999. Il-qorti mbagħad ibbażathom fuq ħlas komplessiv ta' ħamsa u ħamsin euro (€55) fil-gimgħa u *cioè* tlieta u ħamsin euro (€35) għall-attriċi u għoxrin euro (€20) għall-attur.

»Fir-rigward tal-preskrizzjoni ma hemmx dubju (u lanqas l-appellanti ma huma jgħidu mod iehor) li fil-każ ta' serviġi t-terminu applikabbli huwa dak ta' ħames snin skont l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

»… … …

»… … … l-argument tal-appellanti li meta l-mejta għamlet it-testment tal-1995 hija rrikonoxxiet id-dejn u allura ġiet interrotta l-preskrizzjoni għall-perjodu preċedenti mhux tenibbli, aktar u aktar meta wieħed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li fit-testment ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-mejta rrikonoxxiet testwalment li kienet qed tħalli l-legat lill-attur minħabba s-serviġi illi rrenda lilha. *Oltre* dan, … … fejn it-testatur jiddikjara li qed iħalli dak il-legat il-ħlas u kumpens tas-serviġi jammonta għal "rikonoxximent interruttiv tal-preskrizzjoni li tkun miexja jew, skond il-każ, għal rinunzja għall-preskrizzjoni ġà kompjuta u tibqa' operattiva *dietim* sakemm ma tiġix revokata"[1].

»F'dan il-każ in eżami, kif ġà ssemma, fit-testment imsemmi ma kien hemm ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens u f'kull każ dak it-testment kien ukoll sussegwentement revokat.

»Għalhekk din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li l-azzjoni kienet parzjalment preskritta u allura l-aggravju inkwistjoni huwa miċħud.

»… … …

»F'dan il-każ, is-serviġi li għalihom il-qorti se tordna kumpens saru fil-perjodu ta' bejn April 1994 u Jannar 1998; għalhekk anke a bażi ta' dan ir-raġunament u l-inflazzjoni li żgur ikun hemm mat-trapass taż-żmien, din il-qorti jidhrilha li ħlas fil-ġimgħa ta' ħamsa u erbgħin euro (€45) għall-attriċi u ħamsa u għoxrin euro (€25) għall-attur ikun fiċ-ċirkostanzi tal-każ u *in vista* tas-serviġi reżi kif imsemmi fis-sentenza appellata aktar ekwu; kwindi sebgħin euro (€70) kumplessivi għal mija, tmienja u disgħin (198) ġimgħa li jwasslu għall-ammont ta' tlettax-il elf, tmien mija u sittin euro (€13,860); minn dawn iridu jitnaqqsu elf, disa' mija u tmenin euro (€1,980) ossija settima parti billi l-attur huwa wkoll werriet f'dan is-sehem u allura l-ammont pagabbli jkun ħdax-il elf, tmien mija u tmenin euro (€11,880). Il-qorti ħadet ukoll in konsider-azzjoni l-fatt li l-attur kien jipperċepixxi, inkwantu prokuratur tagħha, il-pensjoni ta' Maria Carmela Hayman u taqbel mal-ewwel qorti illi ftit li xejn ta spjegazzjoni ta' kif kien jiddisponi minnha.

»L-Imgħax

»Fir-rigward tal-imgħax mitlub, m'hemmx dubju illi normalment il-qrati tagħna jimxu mal-prinċipju *in illiquidis non fit mora*. … … …

»F'din il-kawża wieħed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kien determinabbli meta bdew il-proċeduri u għalhekk … … … il-qorti jidhrilha li għandha … … … tordna li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla … … …

[1] Giuseppe Fenech *et v.* Carmelo Bezzina, App. 8 ta' Jannar 1960.

»Spejjeż

»L-appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt illi l-ewwel qorti ddeċidiet illi l-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa. Din il-qorti tifhem illi hija għamlet dan biex tevita ratizzazjonijiet komplikati *in vista* tal-fatt li ġew akkolti l-eċċezzonijiet tal-preskrizzjoni u illi l-attur huwa ko-eredi u fl-istess ħin kien hemm kundanna għall-hlas. Fil-fatt l-atturi ppremettew fiċ-ċitazz-joni tagħhom illi huma pprestaw serviġi għal perjodu bejn l-1987 u l-1997.

»Huwa ċar illi l-qorti kellha tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż skont l-artikolu 223(1) tal-Kap. 12 illi jgħid li l-qorti għandha tikkundanna l-parti telliefa biex tħallas l-ispejjeż tal-kawża filwaqt li s-sub-inċiż (3) jgħid li l-qorti tista' tikkundanna lil kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha "meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra".

»Din il-qorti tapprezza d-diffikultà tal-qorti illi tkun preċiża f'sitwazzjoni simili meta tiġi biex taqsam l-ispejjeż u kwindi taqbel ma' kif l-ewwel qorti qasmet dawn l-ispejjeż; fiċ-ċirkostanzi billi l-appell se jiġi parzjal-ment akkolt, se tordna li l-ispejjeż tal-appell jinqasmu f'sehem indaqs bejn l-atturi u l-konvenuti, … … …

»Deċiżjoni

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi l-appell billi tilqgħu biss billi tillikwida s-serviġi reżi mill-atturi fis-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u tmenin euro (€11,880) fuq imsemmija minflok dik likwidata mill-ewwel qorti u tordna lill-konvenuti appellati jħallsu din is-somma lill-atturi appellanti; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata kompriż il-kap tal-ispejjeż.«

6. B'rikors tal-4 ta' Mejju 2015 l-atturi talbu illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza is-sentenza attakkata, għax igħidu illi dik is-sentenza applikat il-liġi ħażina u/jew kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811(*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-konvenuti wieġbu fit-22 ta' Mejju 2015.

7. L-atturi jibdew l-argument tagħhom favur it-tħassir tas-sentenza attakkata b'dawn l-osservazzjonijiet:

»… … … l-esponenti jħossu u umilment jissottomettu li l-proċeduri … … … kienu ta' ksur u kontra l-liġi u *ai termini* tal-artikoli 811 *et sequitur* [*recte, et sequentes*] tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili … … … u dan senjatament taħt dak kontenut fis-sub-artikoli (*e*) u (*l*) tal-artikolu 811.

»Illi minn dan l-esponenti umilment jirrilevaw ukoll li din l-onorabbli qorti meta jiġu quddiemha każijiet ta' ritrattazzjoni trid tieħu in konsiderazjoni t-trapass taż-żmien bejn il-mument meta dawn l-artikoli twieldu u dak li hwa llum. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li s-sistema ġudizzjarja tagħna ma għandhiex mekkaniżmu fuq l-istess linji ta' kassazzjoni li diversi stati membri tal-Unjoni Ewropea għandhom però għandha dawn l-artikoli f'idejha. Bil-prinċipji tat-Trattat ta' Lisbona (parti sħiħa mis-sistema legali tagħna) kif ukoll b'dak li ġie ulterjorment żviluppat gewwa l-Qorti Ewropea ta' Strasbourg wieħed ma jistax jibqa' jinterpreta u jara l-artikoli 811 *et seqq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili … … … bħala disposizzjonijiet ta' rimedji straordinarji li jridu jiġu interpretati ristrettivament. L-esponenti umilment jissottomettu li dak li ngħad f'sentenzi passati fejn din ir-realtà legali ma kinetx teżisti ma għandux jibqa' jiġi miżmum bħala massimi fundamentali li ma tistax tiddipartixxi minnhom. Ir-riġidità ta' dan imur djametrikament il-kontra ta' prinċipji li ilhom jiġu applikati fis-sistema tagħna sa minn żmien il-promulgazzjoni tal-ligi f'Ruma fejn diġà taħt ir-repubblika disposizzjonijiet magħmula għal raġunijiet u f'ċirkostanzi partikolari jinbidlu u jiġu trasformati b'intelliġenza għas-sitwazzjonijiet ġodda. Meta wieħed iħares lejn il-fatt li s-sistema tagħna oriġinarjament twieldet mill-principji tar-*restitutio in integrum* jifhem iktar li l-bażi hija għad-disposizzjoni tagħna llum biex wieħed japplika b'inqas restrizzjoni u għall-bżonnijiet tallum bħala strument ta' ġustizzja u mhux il-kontra.«

8. Il-qorti tosserva illi dan l-argument tal-atturi aktar għandu min-natura ta' riflessjonijiet fuq politika leġislativa *de lege ferenda* milli argument legali. L-atturi qegħdin igħidu illi l-liġi kif inhi llum ma għadhiex taqdi l-ħtiġijiet tallum u għalhekk għandha tibda tiġi interpretata b'mod li effettivament jibdel it-tifsira tagħha. Iżda l-kompitu tal-qorti huwa li tapplika l-liġi kif inhi mhux kif jidhrilha li għandha tkun. Huwa kompitu tal-leġislatur, mhux tal-qorti, li jibdel il-liġi meta din ma tibqax taqdi l-ħtiġijiet li jinbidlu maż-żmien.

9. Fil-fatt l-argument tal-atturi, aktar milli argument validu, huwa x'aktarx ammissjoni li ma għandhomx raġun f'dak li qegħdin jitolbu għax effettivament qegħdin jitolbu li l-qorti toħloq liġi ġdida għall-każ tagħhom għax il-liġi kif inhi llum ma tagħtihomx raġun.

10. L-aggravji tal-atturi huma kemm dwar applikazzjoni tal-liġi ħażina u kemm dwar żball ta’ fatt. Dawn iż-żewġ argumenti ġew trattati promiskwament u mhux, kif kien ikun aktar xieraq, b’mod organizzat u linejari fir-rikors tal-atturi li jfisser l-aggravji hekk:

> »Illi l-esponenti qiegħed umilment iressaq u fl-istess ħin jissottometti fl-ewwel lok li l-proċeduri segwiti senjatament mill-ewwel qotti kienu kontra dak li tiddisponi l-liġi. Dan qiegħed jiġi umilment sottomess għax jidher ċar mid-diversi seduti li d-disposizzjonijiet kif kontenuti fir-Regoli dwar il-Pratika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Buon Ordni (S.L. 12.09) li huma parti sħiħa mill-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma ġewx segwiti. L-esponenti jibda billi jirrileva li għal kuntrarju ta’ pajjiżi oħra senjatament l-Ingilterra dawn ir-regoli ma humiex direzzjonijiet interni maħruġa biex jiġu segwiti abbażi ta’ dak li jħoss kull ġudikant imma hawn huma liġi. … … …
>
> »Jekk wieħed iħares fuq dan lejn l-artikoli disgħa (9), ħdax (11), tlettax (13) u erbatax (14) jinduna li dawn ġew kompletament injorati u ma ġewx segwiti tul din il-kawża. Il-linja li dawn ir-regoli jiddisponu mhux bħal alternattivi iżda għal mod rett u ġust li bih għandhom jiġu trattati u segwiti l-kawżi jidher mill-iktar evidenti li ġew injorati. Bit-tibdil qawwi li sar fil-proċedura f’dawn l-aħħar snin id-direzzjoni għandha tkun proprju li dawn jiġu segwiti u mhux imwarrba. Fil-każ in kwistjoni l-atti jixhdu fuq dan proprju għax in-nuqqas ta’ osservanza ta’ dawn id-disposizzjonijiet legali ġiebu dewmien qawwi kif ukoll ksur tad-drittijiet proċedurali tal-esponenti. Dan l-punt din l-onorabbli qorti ma għandhiex ma tagħtihx il-piż tiegħu; anzi l-esponenti umilment jissottomettu li għandha d-dmir li tassigura li l-qrati in prim’istanza għandhom dmir legali li jsegwu.
>
> »Dan qiegħed jitqajjem fid-dawl tas-sub-artikoli (*e*) u (*l*) [tal-art. 811] li tal-ewwel jistipula li “s-sentenza tkun applikat l-liġi ħażin” u tat-tieni jgħid li “jekk sentenza kienet l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża”. L-esponenti qegħdin umilment jiġbdu dawn iż-żewġ sub-artikoli sabiex jiġu kkonsiderati mhux separatament iżda konġuntivament.
>
> »Illi huwa minnu li s-sub-artikolu (*e*) kien ġie ristrett mill-oriġinal li kien jgħid “*Se la sentenza della Corte di seconda istanza fosse nullamente proferita per qualunque causa*” u dan għax il-bażi kienet “*errore di legge*” iżda l-linja ġenerali li ġiet meħuda kienet dik li tħares lejn applikazzjoni korretta tal-liġi fis-sens sħiħ taghha. Mhux limitat għall-Kodiċi Ċivili jew Kummerċjali imma miftuħa wkoll għal dak ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax it-tnejn huma parti integrali mill-proċess li jrid jiggarantixxi d-drittijiet tas-suġġetti tal-liġi. Dan joħrog forsi ftit iktar evidenti meta wieħed jaqra paragrafi f’sentenzi bħal “L-ipoteżi ta’ applikazzjoni ħażina tal-liġi tikkonkreta ruħha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta’ liġi espressa u ċara u mhux suġġetta għal interpretazzjoni, razzjoċinji jew argomenti”. Biss anki hawn il-qrati nostrali ħassew li ma għandhomx joqogħdlu lura u fetħu toroq ġodda sabiex il-liġi tiġi segwita u applikata u prinċiparjament ma tiġix injorata kif l-esponenti qed jissottomettu li seħħ fil-każ odjern fil-

konfront tal-Regoli dwar il-Pratika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni (S.L. 12.09). Dan qiegħed jingħad ulterjorment għax wieħed isib ukoll sentenzi fejn l-imgħallma fil-ligi ddikjaraw ukoll "id-dover tal-ġudikant huwa mhux sempliċement dak li japplika l-liġi imma anki dak li jara, minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, x'inhi l-probabili intenzjoni tal-leġislatur f'dawn iċ-ċirkostanzi u li japplika l-liġi u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonċiljaha mal-liġijiet l-oħra biex l-applikazzjoni tagħha ma tiġix ingusta".

»Ma' dan l-esponenti jirrilevaw ukoll li dan huwa ulterjorment sostnut mis-sub-artikolu (*l*). Dan għax kif huwa magħruf din id-disposizzjoni ġiet introdotta taħt l-Ordinanza IX tal-1886 fejn daħal il-prinċipju tal-hekk imsejha "*errore di fatto*" u dan wara serrtenza li influwenzat il-posizzjoni legali. Il-posizzjoni u d-diċitura oriġinali fil-lingwa taljana tinkludi ferm iktar milli sussegwentement bil-ġurisprudenza restrittiva ngħad. Dan qiegħed jiġi umilment sottomess għax l-iżball li qiegħed jiġi indikat f'dan is-sub-artikolu ma huwiex kif erronajament kien hemm min interpretah u *cioè* limitat għad-dokumenti iżda kien proprju l-punt li fejn isiru nuqqasijiet ta' proċedura allura dan jikkostitwixxi żball huwa ukoll parti mill-izball ta' fatt. Dan għax kif tajjeb kienu jaħsbu l-ġuristi żball tal-proċedura jwassal għal żball fuq l-analiżi u l-għarbiel tal-fatti.

»Illi ma' dan l-esponenti umilment jissottomettu li l-istess sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell għandha wkoll applikazzjoni ulterjuri ta' liġi. Di fatti fil-każ odjern huwa magħruf fil-ġurisprudenza nostrali li l-kwistjoni tas-serviġi hija naxxenti oriġinarjament mid-Dritt Ruman u komunement imqiegħda mal-kważi kuntratti senjatament bid-direzzjoni u t-tagħlim tal-Prof. Joe Ganado fil-lezzjonijiet tiegħu fuq dan is-suggett. Għalhekk għal kuntrarju tal-*actio de in rem verso* li hija wkoll kellha din il-posizzjoni però ġiet imdaħħla parti mill-Kodiċi Ċivili. Dan umilment ifisser li l-posizzjoni tal-*proviso* tal-imsemmi sub-artikolu (*e*) tal-artikolu 811 kif moqrija u marbuta mal-artikolu 816 fejn jingħad li trid issir referenza għall-artikolu tal-liġi li kellu jiġi applikat hawn irid jiġi meħud fis-sens oriġinali ta' dak l-artikolu fejn kien jingħad li bħala aġġunta sussegwenti "*e, quando il motivo sia quello di essere stata mala applicata la legge deve ċitare la legge che doveva essere applicata*".

»Għalhekk fil-każ in eżami l-esponenti umilment jissottomettu li l-istess ma għamlitx applikazzjoni tajba tal-istitut meta ma kkonsidratx l-aggravju tal-esponenti marbut mal-effett legali taż-żewg dokumenti pubbliċi u *cioè* tat-testrnenti li saru u li fihom kien hemm b'mod ċar l-intenzjoni tad-*de cujus* li tibbenefikah u tippreferi lill-esponenti għas-serviġi li kienu qed jiġu reżi. Dan qed jingħad għax jidher ċar li fl-insenjament li wassal għal dan l-istitut tali dikjarazzjoni għandha effett ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni taħt dan l-istitut ta' kważi kuntratt iżda mhux taħt dak suċċessorju u testamentarju. Il-qrati u l-awturi ġustament identifikaw dan bħala svantaġġ u inġustizzja għal persuna li tkun ipprestat is-serviġi li għax taf b'dawn it-testmenti ma tibgħatx ittra jew protest ġudizzjarju sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni u wara tiġi svantaġġjata għax id-*de cujus* għall-iskop ta' suċċessjorri jdaħħal testament pubbliku sussegwenti li bih jirrevoka dak li jkun wettaq. Mhux biss imma hemm effett legali ta' tali dikjarazzjoni f'testment li b'għażla ma sarx bħala wieħed sigriet iżda quddiem nutar pubbliku u allura iktar pubbliku u tikkostitwixxi ammissjoni u allura sservi ta'

interruzzjoni tal-perijodu. Dan jfisser li l-perijodu ta' preskrizzjoni ġie kkalulat meta ma jmessux.

»Mhux biss iżda hemm ukoll punt ieħor fundamentali li fih il-Qorti tal-Appell applikat żbaljatament il-liġi meta ddeċidiet li tnaqqas l-ammont dovut lill-esponenti b'wieħed minn sebgħa fuq il-premessa li huwa eerriet. Dan huwa djametrikament il-kontra tal-prinċipju li l-ħlas tas-serviġi huwa debitu fil-konfront tal-assi ereditarju indipendentement mis-sehem tal-esponenti li kif diversi drabi ngħad f'dan l-istadju l-partijiet ma humiex ko-proprjetarji iżda ko-werrieta fejn dak li jmissu parti jew oħra jispetta l-likwidazzjoni tal-assi għax werriet jista' jmissu proprjetà u jista' jmissu flus. Għalhekk l-imsemmija Qorti tal-Appell anki fuq dan il-punt naqset milli tapplika l-liġi tajjeb u dan bi ksur tad-drittijiet tal-esponenti.«

11. Safejn tista' tifhem xi jridu jgħidu l-atturi, l-ewwel ilment imsejjes fuq applikazzjoni tal-liġi ħażina jidher li hu li l-proċedura li biha mxiet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti tal-Appell) ma hijiex kif iridu r-Regoli dwar il-Pratika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Buon Ordni ["S.L. 12.09"]. *Se mai*, għalhekk, dawk li l-atturi jqisu li kienu irregolaritajiet fil-mod kif imxiet il-Prim'Awla kellhom jitqajjmu quddiem il-Qort tal-Appell bħala aggravji tal-appell u mhux, kif qegħdin jinġiebu llum, bħala aggravji għall-għanijiet ta' ritrattazzjoni.

12. Barra minn hekk, biex titħassar sentenza taħt l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-applikazzjoni tal-liġi ħażina trid tkun fis-sentenza nfisha u mhux fil-proċess, u l-atturi jonqsu għalkollox milli juru kif dawk li huma jqisu bħala irregolaritajiet fil-proċess wasslu għal applikazzjoni tal-liġi ħażina fis-sentenza attakkata.

13. Dan l-aggravju huwa għalhekk manifestament fieragħ.

14. Aggravju ieħor dwar applikazzjoni ta' liġi ħażina jolqot id-deċiżjoni dwar il-preskrizzjoni. Wara xi kummenti ta' relevanza x'aktarx dubjuża dwar li l-istitut tas-serviġi jitqies fost il-kważi kuntratti, l-atturi jgħidu illi

t-testmenti li għamlet Maria Carmela Hayman u li wara ħassrithom, u li fihom kienet ħalliet xi legati lill-attur, kellhom jitqiesu bħala inter-ruzzjoni tal-preskrizzjoni. L-ewwel qorti qalet – u l-Qorti tal-Appell qablet magħha – illi disposizzjoni rimuneratorja f'testment tikser il-pre-skrizzjoni tad-dritt għar-rimunerazzjoni, u, sakemm id-disposizzjoni ma titħassarx, tissospendiha wkoll. Il-qorti kompliet tgħid iżda illi d-disposizzjonijiet li fuqhom jistrieħu l-atturi ma kinux rimuneratorji u għalhekk ma jiksrux il-preskrizzjoni. B'hekk il-qorti applikat u inter-pretat id-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-ksur tal-preskrizzjoni.

15. L-atturi milli jidher ma jaqblux iżda ma jgħidux liema liġi kellha tapplika l-qorti, flok dik li applikat, biex tasal għall-konklużjoni li jridu huma. Hekk naqsu milli jagħmlu dak li jgħid u jrid l-art. 816[2] tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex titħassar is-sentenza min-ħabba applikazzjoni tal-liġi ħażina.

16. Dan l-aggravju, bħal dak ta' qablu, huwa fieragħ u huwa miċħud.

17. Aggravju ieħor dwar applikazzjoni ħażina tal-liġi jolqot id-deċiżjoni fis-sentenza attakkata li jitnaqqas is-sehem tal-attur mill-ammont likwidat bħala kumpens. Dan sar għax għalkemm id-debitur huwa l-assi ereditarju tal-mejta l-atturi ħarrku lill-ko-werrieta u, kif igħid l-art. 939(2) tal-Kodiċi Ċivili, "il-werrieta jħallsu d-djun kull wieħed minnhom fil-proporzjon ta' sehmu fil-wirt". Il-qorti applikat din il-liġi u l-atturi għal darba oħra ma qalux liema liġi kellha tiġi applikata minflok – x'aktarx għax il-fatt il-qorti applikat il-liġi tajba.

2 **816.** … … … meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata .

18. Dan l-aggravju, li l-qorti wkoll tqisu fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

19. L-aggravju mbagħad dwar żball ta' fatt huwa wkoll fieragħ għall-aħħar. L-argument hu illi "żball tal-proċedura jwassal għal żball fuq l-analiżi u l-għarbiel tal-fatti". Għalkemm huwa minnu illi żball tal-proċedura - jekk tassew seħħu żbalji ta' proċedura għax l-atturi ma semmewx wieħed – *jista'* jwassal għal żball ta' fatt, il-possibilità mhix biżżejjed, u l-atturi ma wrew b'ebda mod li s-sentenza attakkata kienet imsejsa "fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament"; anzi, ma għamlu ebda aċċenn għal xi fatt li tqies meta kellu jiġi mwarrab jew twarrab meta kellu jitqies.

20. Dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

21. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell u tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha ta' dan l-episodju. Billi wkoll hija tal-fehma illi t-talbiet tal-atturi huma fiergħa, il-qorti wara li rat il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża bħala Skeda A mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tik-kundanna lill-atturi jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' ħames mitt euro (€500).

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df